Kulleġġ San Tumas More

Skejjel Primarji

Eżami ta' Nofs is-Sena

IR-RELIĠJON

Is-Sitt Sena | Frar 2018 | Ħin: Siegħa u kwart

L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: __________

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

TAQSIMA A (15-il marka)

STORJA TA' MĦABBA

**A1. Immarka VERU jew FALZ. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Adam kien l-ewwel bniedem fid-dinja. | √ | |
| 2. | Alla sejjaħ lil Erodi sabiex jibda poplu. | | |
| 3. | Il-kmandamenti jgħinuna ngħixu ħajja tajba. | | |
| 4. | Abraham kien lest li jissagrifika lil ibnu. | | |
| 5. | Alla l-Missier iħobbni tassew u qiegħed imexxi l-ħajja tiegħi. | | |
| 6. | L-ewwel ktieb tal-Bibbja huwa l-Atti tal-Appostli. | | |
| 7. | Żakkarija kien il-profeta li ħabbar il-miġja tal-Messija. | | |
| 8. | Mosè ħareġ il-poplu Lhudi mill-Eġittu. | | |
| 9. | Ir-re Salamun kien għaref ħafna. | | |
| 10. | San Pawl kien fi triqtu lejn Damasku meta ltaqa' ma' Ġesù. | | |
| 11. | Il-kmandamenti huma sebgħa. | | |



A2. **Ikteb liema kmandament qed jiksru meta jagħmlu dawn l-azzjonijiet.**
**(L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.)** *(5 marki)*

Eż: Karl jippreferi joqgħod quddiem kompjuter milli jmur jisma' quddiesa nhar ta' Ħadd.

<u>Ħares il-Ħdud u l-festi kmandati</u>.

1. Il-ġimgħa l-oħra rajt lil Marika tirrispondi bil-herra lill-ġenituri tagħha.

_______________________________________________

2. Ryan xtara 'tablet' ġdid u jien xtaqt neħodulu.

_______________________________________________

3. Sara rat nuċċali tax-xemx fil-basket ta' Tina, qabdet u ħaditu.

_______________________________________________

4. Fiona gidbet fuq il-kuġina tagħha biex ma taqlax kastig hi.

_______________________________________________

5. Andrew infexx jitkellem ħażin għax tilef il-mowbajl.

_______________________________________________



TAQSIMA B (20 marka)

IL-BIBBJA

B1. Poġġi dawn il-frażijiet fil-kolonna t-tajba. Tnejn minnhom huma lesti. *(8 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| salmi | l-Ittri ta' San Pawl | San Pietru |
| 27 ktieb | 46 ktieb | ~~il-Ġenesi~~ |
| il-ħajja ta' Ġesù | Abraham | il-ġrajja tal-ħolqien |
| ~~Pentekoste~~ | | |

| IT-TESTMENT IL-QADIM | IT-TESTMENT IL-ĠDID |
|---|---|
| • il-Ġenesi | • Pentekoste |
| • | • |
| • | • |
| • | • |
| • | • |



**B2. Wieġeb. L-ewwel waħda qed tingħata bħala eżempju.** ***(8 marki)***

Eż. Żewġ affarijiet li ħalaq Alla: siġar

annimali

1. Żewġ Evanġelisti: ______________________

______________________

2. Żewġ Appostli li ħallewlna l-ittri fil-Bibbja: ______________________

______________________

3. Żewġ ġrajjiet li nsibu fit-Testment il-Qadim: ______________________

______________________

4. Żewġ ġrajjiet li nsibu fit-Testment il-Ġdid: ______________________

______________________

**B3. Poġġi fl-ordni ta' kif jinqraw fil-quddiesa tal-Ħadd. Uża n-numri minn 1 sa 4.**

***(4 marki)***

| | |
|---|---|
| L-Evanġelju | |
| L-Ewwel Qari | |
| It-Tieni Qari | |
| Salm Responsorjali | |



TAQSIMA C (20 marka)

IL-KALENDARJU

**C1. Imla l-vojt bil-KELMA t-tajba.** ***(10 marki)***

1. Is-Sena Liturġika tibda bi Żmien l-**A**________________. Dan hu żmien li fih aħna l-insara naħsbu fuq il-miġja ta' Ġesù fostna.
2. Il-festa tal-**E**________________ tfakkarna fiż-żjara tas-Slaten Maġi. F'Malta din tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd tas-Sena.
3. Il-qassis jilbes il-kulur abjad fi Żmien il-**M**________________ u fi Żmien l-**Għ**________________.
4. Ir-Randan huwa żmien t'**e**________________ jum li fih l-insara jħejju ruħhom għall-mewt ta' Ġesù.
5. L-ikbar festa tal-insara hija meta Ġesù qam mill-**m**________________.
6. Fil-festa tal-Pentekoste` l-qassis jilbes il-kulur **a**________________ li jfisser l-imħabba t'Alla u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.
7. Żmien il-Għid jibqa' sejjer għal **ħ**________________ jum u fih jiġu festi kbar li jfakkruna fit-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema u fl-**I**________________ tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja.
8. Fi Żmien Matul is-Sena l-qassis juża l-kulur **a**________________ li jfisser tama.

C2.

**Is-sagramenti huma:**

**il-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof, il-Qrar, it-Tqarbin, il-Griżma tal-Morda, l-Ordni Sagri u ż-Żwieġ.**

**Aqra s-sentenzi u wara ikteb is-SAGRAMENT li hu marbut ma' dik is-sentenza.**

***(5 marki)***

1. Is-saċerdot jibda billi jraxxax l-ilma mbierek fuq il-marid u jidlek biż-żejt imbierek il-ġbin u l-idejn tal-marid.

   Is-sagrament huwa ______________________________.

2. Waqt iċ-ċerimonja l-qassis juża l-ilma mbierek u t-tarbija tidħol fil-familja t'Alla.

   Is-sagrament huwa ______________________________.

3. Dan is-sagrament ifejjaq il-konflitti ta' bejnietna u jerġa' jgħaqqadna ma' Alla u ma' ħutna.

   Is-sagrament huwa ______________________________.

4. Waqt li jurina l-Ostja Mqaddsa, il-qassis jgħidilna: "Il-Ġisem ta' Kristu".

   Is-sagrament huwa ______________________________.

5. Aħna nġeddu l-wegħdiet li rċivejna fil-Magħmudija u flimkien mal-parrinu/a nitilgħu quddiem l-Isqof li jidilkilna moħħna biż-żejt u l-balzmu.

   Is-sagrament huwa ______________________________.



C3.

Is-Sena Liturġika hi maqsuma f'5 taqsimiet:

Żmien l-Avvent, Żmien il-Milied, Żmien ir-Randan, Żmien il-Għid u Żmien Matul is-Sena.

**Matul is-Sena Liturġika niċċelebraw bosta festi. F'liema ŻMIEN niċċelebraw dawn il-festi li ġejjin?** ***(5 marki)***

1. il-festa ta' Kristu Sultan – Żmien ________________
2. it-twelid ta' Ġesù – Żmien ________________
3. il-Passjoni u l-mewt ta' Ġesù – Żmien ________________
4. il-festa tal-Kunċizzjoni – Żmien ________________
5. il-festa tal-Pentekoste – Żmien ________________

TAQSIMA D 10 marki

IT-TWELID TA' ĠESÙ – IL-MILIED

**D1. Agħti <u>żewġ</u> eżempji kif fil-Milied, int bħala Nisrani/ja tista' tagħmel il-ħajja ta' xi ħadd aktar ferħana.**

***(2 marki)***

(a) ________________________________________________

(b) ________________________________________________



**D2. Imla l-vojt billi tagħżel mill-personaġġi li għandek fil-kaxxa ta' taħt.** *(8 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| San Nikola | Santa Marija | l-Anġlu Gabriel | Erodi |
| San Ġużepp | San Ġorġ Preca | is-Slaten Maġi | San Franġisk |

1. Għaċ-ċensiment kelli mmur Betlehem għax jien mill-familja ta' David. __________________
2. Jien il-messaġġier ta' Alla. __________________
3. Tajna lil Ġesù tliet rigali: deheb, inċens u mirra. __________________
4. Jien waqqaft l-ewwel Ordni Franġiskana. __________________
5. Għamilt l-ewwel dimostrazzjoni bil-Bambin f'Malta. __________________
6. Jien kont Sultan meta Ġesù twieled fl-għar ta' Betlehem. __________________
7. Jiena kont ngħix Nazaret u wellidt l-Iben t'Alla. __________________
8. Jien personaġġ marbut ħafna mal-Milied għax tul ħajti ppruvajt inferraħ lin-nies foqra billi kont nagħtihom xi rigali. __________________

## TAQSIMA E (20 marka)

## NIKKOMUNIKAW

**E1. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

1. Il-bniedem mhux maħluq biex (<u>jgħix</u>, jiekol, jorqod) waħdu.
2. Ġesù sar bniedem biex (jitlaq lil missieru, isalvana, jirrabja magħna).

3. Permezz tal-(Qrar, Griżma tal-Isqof, Ewkaristija) aħna niċċelebraw l-imħabba ta' Ġesù għalina.
4. Meta nieħdu sehem fit-tqarbin inkunu tassew membri tal-(mużew, iskola, knisja).
5. (Iċ-Ċenturjun, Is-Suldat, Il-Ġeneral) ġie mgħejjun minn Ġesù.
6. Il-poplu (Eġizzjan, Taljan, Lhudi) kiser kelmtu sakemm Mose` kien fuq il-muntanja Sinaj.
7. San Pawl kien jippersegwita lill-(Maltin, Musulmani, Insara).
8. (Pietru, Ġuda, Pawlu) ċaħad lil Ġesù għal tliet darbiet.
9. Żakkew kien jisraq meta kien jiġbor (il-pitazzi, it-taxxi, il-karti).
10. Il-Ħalliel (it-Tajjeb, tan-Nofs, il-Ħażin) aċċetta d-dnub tiegħu u talab lil Ġesù jiftakar fih.
11. Meta nitolbu maħfra Alla jerġa' (jilqagħna, jkeċċina, iwarrabna).

**E2. Imla l-vojt biex turi x'għandek tagħmel biex tqerr sewwa.** ***(6 marki)***

1. Naħseb ________________ sew.

2. ________________ minnhom.



3. Nagħti ________________ 'l Alla li ma nerġax.

4. ________________ kollha.

5. Nagħmel il-________________ li jagħtini l-________________.

**E3. Kompli dawn is-sentenzi fuq il-parabboli tal-Iben il-Ħali u r-Ragħaj it-Tajjeb.**

***(4 marki)***

1. Il-missier fil-parabbola tal-Iben il-Ħali wera li kien ħanin billi ________________

________________________________________________________________.

2. Il-parabbola tal-Iben il-Ħali nqabbluha ma' dik tar-Ragħaj it-Tajjeb għax ________

________________________________________________________________.

**TAQSIMA F** **(15-il marka)**

**SIMBOLI TA' MĦABBA**

**F1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

**L-ewwel sentenza hija eżempju.** ***(10 marki)***

1. L-Anġlu **<u>Gabrijel</u>** ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla.
2. Il-ġrajja ta' meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli hi magħrufa wkoll bħala ________________________________.
3. Aħna l-Maltin niċċelebraw il-festi tal-________________________________ bil-kbir.
4. Is-saċerdot jixrob mill-________________________________ li jkun hemm fuq l-artal.
5. Il-Lhud jużaw il-________________________________ minflok ix-xemgħa.
6. Ġesù xebbah lilu nnifsu bħala d-________________________________ u aħna l-friegħi.
7. It-torri twil li jkollha kull ________________________________ jissejjaħ Minaret.
8. Waqt il-quddiesa, l-abbati jgħin lis-saċerdot billi jġiblu l-ilma u l-inbid li jkunu fl- ________________________________.

9. L-aħjar mod li jiena nista' nuri r-______________________________ huwa meta nħobb lill-oħrajn.

10. It-______________________________ huwa dak il-post fejn jinżammu l-ostji.

11. "Jien il-ħobż ______________________________ li nieżel mis-sema; jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem."



**F2. Ikteb 5 sentenzi dwar ġrajja mill-Bibbja li fiha jissemma s-simbolu tan-nar.** ***(5 marki)***

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA